# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tas-17-il laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 19 ta' Awwissu 2025 fil-5:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Assenti** :

| | |
|---|---|
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**17.01 Talba**

17.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**17.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

17.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li l-Viċi Sindku infurmana li ma jistax jattendi għal din il-laqgħa tal-Kunsill għal raġunijiet ta' xogħol, filwaqt li l-Kunsillier Galea avżana mil-laqgħa preċedenti li mhux se jkun preżenti minħabba safar.

**17.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 16**

17.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 16 ġew approvati unanimament. Is-Sindku pproponiet u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

**17.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

17.04.01 Is-Sindku tkellmet dwar laqgħa li kellha mal-LESA permezz tar-Reġjun fejn ġie diskuss li d-*discount* ta' 30% li kien jingħata lill-Kunsill issa niżel għal 15% u, mis-sena d-dieħla x'aktarx li se jitwaqqaf għal kollox. Ġie spjegat ukoll li l-iskema għall-fondi relatati mal-immaniġġjar tat-traffiku, imħabbra mill-Gvern, issa trid tiġi applikata direttament mill-*NGOs* u mhux iktar mill-Kunsilli Lokali. Hija infurmat li x'aktarx il-Kunsill mhux se jiġi *reimbursed* għas-servizzi tal-LESA imħallsa għall-festi tal-Madonna tal-Ġilju u ta' Santa Marija, fejn fil-każ ta' din tal-aħħar kellu jitħallas ukoll siegħa żejda ta' servizz tal-uffiċjali minħabba li żiedu *pyro-show*. Ġie kkonfermat li d-*DPN* hija valida biss meta tiġi magħmula u ppubblikata mill-Pulizija, filwaqt li għal *one-time events* il-Kunsill jista' jfassal abbozz iżda jibqa' obbligat jgħaddih lill-Pulizija biex jiġi ppubblikat. Rigward in-*No Parking Signs*, dawn iridu jeħlu mill-inqas jumejn qabel u jkunu mwaħħla ma' struttura fissa bħall-faċċati tad-djar. Fl-aħħar, ġie diskuss li l-liġi tippermetti wkoll li l-Kunsill ikun jista' jwettaq it-*towing*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

17.04.02 Is-Sindku tkellmet dwar il-laqgħa li kellha mal-ispiżjara fir-rigward tal-*Un/Loading Bay* fi Triq iċ-Ċavi. Hija spjegat li din il-kwistjoni se terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss, peress li l-Kunsillier Galea, imsemmi f'dan il-kuntest, mhux preżenti llum f'din il-laqgħa. Ġie kjarifikat li l-ispiżjara ma talbitx *un/loading bay*, iżda kien resident li esprima l-ilment tiegħu dwar il-*POYC van* li jieqaf fit-triq u jibqa' startjat għal madwar għaxar minuti waqt li jingħata s-servizz, u talabha tkellem lill-Kunsillier Galea dwar dan. L-ispiżjara qalet lis-Sindku li meta tkellmet mal-Kunsillier Galea spjegatlu s-sitwazzjoni, u minkejja li enfasizzat li hi m'għandhiex bżonn *un/loading bay* peress li l-operat tagħha qiegħed jaħdem tajjeb kif inhu, żiedet tgħid li jekk ikun meħtieġ issir, issir. Wara li kkunsidrat mill-ġdid is-sitwazzjoni, l-ispiżjara talbet lis-Sindku biex ma ssir ebda applikazzjoni għal *un/loading bay* peress li hi m'għandhiex bżonnha. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

17.04.03 Is-Sindku infurmat li minn nhar it-Tnejn, 25 ta' Awwissu 2025, *Infrastructure Malta* se tibda x-xogħol fi Sqaq Nru. 3 fi Triq il-Parroċċa, u wara tkompli bl-isqaqien numri 1 u 2 fl-istess triq. Ir-residenti se jiġu infurmati permezz ta' ittra li ser titqassam mill-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

17.04.04 Rigward l-Isptar il-Qadim, is-Sindku infurmat li t-travi nbidlu u li rriżulta li l-ħsara kienet ikkawżata minn ilma li daħal u mhux mis-susa. Hija żiedet li l-art tal-*kitchenette* u tal-*bathroom* tbaxxiet u ntagħżel ukoll madum ġdid għalihom, filwaqt li l-installazzjoni tal-*canopy* tinsab għaddejja u l-ħadid se jitwaħħal fl-aħħar fażi tax-xogħol.

Is-Sindku spjegat li meta kienet saret l-applikazzjoni għall-fondi ma kienx għad hemm il-ħsieb li l-Kunsill jibda jopera mill-Isptar il-Qadim u għaldaqstant dan ma kienx issemma fl-applikazzjoni. F'dan il-kuntest, is-Sur Svetlick Flores (LESA) ġibed l-attenzjoni li jekk l-uffiċini tal-Kunsill jibdew joperaw minn hemmhekk, ikun qed jinbidel il-kunċett tal-proġett approvat; għalhekk hu ser iressaq il-każ quddiem il-Bord sabiex jara jekk il-Kunsill jistax jingħata konċessjoni għal "*change of request*". Jekk dan ma jiġix aċċettat, il-Kunsill ikollu jagħżel bejn li jista' jopera mill-Isptar il-Qadim mhux qabel ħames snin oħra, jew, li jintilfu l-fondi approvati. Is-Sindku qalet li hi infurmat lil Flores li l-operat mill-Isptar il-Qadim se jkun biss temporanju, sakemm jinstab post alternattiv għall-uffiċini tal-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan kollu.

17.04.05 Is-Sindku infurmat li mill-uffiċċju ntbagħtet l-imejl ta' sejħa għal-laqgħa lill-*Accountant*, fejn ġie kkupjat ukoll id-Direttur Ġenerali (DĠ) tad-Dipartiment. Id-DĠ rreferiena għand id-Dipartiment tal-*Compliance*, fejn ġiet skedata laqgħa *online* bejn il-Kunsill, l-*Accountant* u l-istess dipartiment. Matul din il-laqgħa, l-*Accountant* ġġustifikat in-nuqqas ta' attendenza tagħha għal-laqgħat li kien talabha l-Kunsill, billi semmiet l-atteġġjament tas-Sindku lejha; madankollu, ir-rappreżentanti tal-*Compliance* ikkonfermaw li l-punti mqajma mis-Sindku kienu kollha validi, fosthom żbalji ta' *postings* u aspetti oħra. Il-*Compliance* issuġġerew li ssir laqgħa fiżika bejn is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-*Accountant* fil-preżenza tagħhom. L-*Accountant* qalet li hija lesta li, jekk hu meħtieġ, jiġi tterminat il-ftit żmien li fadal tal-kuntratt tagħha; iżda s-Sindku insistiet li qabel ma jiġu rregolati n-nuqqasijiet kollha, ma jiġi tterminat l-ebda kuntratt. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

17.04.06 Rigward Ġnien Onġi Onġella, is-Sindku infurmat li għalaq il-perjodu ta' sottomissjoni tal-oġġezzjonijiet. Hija rrimarkat li nqala' xi tħassib u kummenti minn residenti dwar it-tnaqqis ta' spazji għall-parkeġġ, fejn ir-raġuni ta' dan it-tnaqqis hija li Transport Malta ma tapprovax il-proġett jekk ma jkunux previsti spazji allokati għal *Blue Badge Holders* u *zebra crossing* fost oħrajn, li inevitabbilment inaqqsu mill-parkeġġ eżistenti. Is-Sindku ċċarat ukoll li,

minkejja xi għajdut, il-proġett mhuwiex ta' *Projects Green* iżda huwa tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, u fakkret li madwar xahar u nofs ilu *Projects Green* urew interess li jimplimentawh biss jekk il-Kunsill jaċċetta, meta fil-passat kienu diġà rrifjutaw it-talbiet tal-Kunsill għal dan il-proġett. Kif dejjem kien hemm il-qbil, jekk dan verament se jkunu qed iwettquh *Projects Green* allura, l-Kunsill m'għandu l-ebda problema li jwaqqa' l-applikazzjoni tiegħu. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**17.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

17.05.01 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk il-Kunsill kienx infurmat jew ikkonsultat dwar ir-*road hump* tat-*tarmac* fi Triq Ħal Kirkop. Is-Sindku fakkret li s-suġġett kien ġie diskuss f'laqgħa tal-Kunsill u ġie deċiż unanimament li l-*hump* issir bit-*tarmac*, fejn saħansitra għamilna talba lil TM dwar dan, għax bħala spejjeż ikun iktar vantaġġuż milli tibqa' ssir tar-*rubber* u tinbidel regolari. Il-Kunsillier Sciberras immedjatment ftakar dwar dan.

17.05.02 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar jekk saritx talba għal infurzar relatat mat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fil-Pjazza waqt il-Festa ta' Santa Marija. Is-Sindku kkonfermat li saru interventi, inkluż f'każijiet fejn il-Każin tal-PL kif ukoll ir-Remissa Bar, poġġew mwejjed u siġġijiet faċċata ta' fejn kellhom il-permess, u kellhom iżarmaw fuq struzzjonijiet tas-Surġent. Il-Kunsillier Sciberras staqsa wkoll dwar il-possibbiltà li l-*area* allokata ta' 10m² tiġi riveduta sabiex tiżdied, u s-Sindku qalet li fil-prattika l-*area* allokata nqabżet minn kulħadd. Il-Kunsillieri ddiskutew dan u ġie mfakkar li l-Kunsill qiegħed jistenna rapport mill-Perit dwar min mill-bars /ħwienet hu kopert bil-permessi neċessarji għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fit-triq. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**17.06 Festa Santa Marija 2025**

17.06.01 Is-Sindku qalet li l-festa ġabet magħha numru ta' sfidi minħabba l-ammont ta' nies li attendew. L-għeluq tal-Pjazza, u tal-*bypass* fl-aħħar tlett ijiem, jikkawża inkonvenjent speċjalment għal min juża t-trasport pubbliku. Din is-sena l-Kunsill kellu jħallas siegħa addizzjonali ta' servizz tal-LESA minħabba *show* tan-nar miżjud, filwaqt li tqabbad ukoll is-servizz tal-Pulizija biex jassisti fit-traffiku waqt l-armar ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Kien hemm diffikultajiet bid-*DPN*, l-għeluq tal-Pjazza u d-*diversions* tat-trasport pubbliku; iżda d-*diversion* ta' lejliet u nhar il-festa ħadmu tajjeb ħafna. Il-ħaddiema tal-*Cleansing Department* naddfu kif mitlub, tant li lejliet il-festa ġew miġbura madwar tliet trakkijiet ta' skart mill-*bypass* biss, għalkemm xi spazji tħallew mhux imnaddfa iżda li wara ġew indirizzati. Ġew irrappurtati wkoll ilmenti dwar l-ammont ta' karti mitfugħa waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa. Ambjent Malta rrappurtat ħsara fuq ir-*rosemary* fis-*central strip* ta' Triq il-Konvoj. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**17.07 Jum L-Imqabba 2025**

17.07.01 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li mill-uffiċċju għandhom jintbagħtu l-applikazzjonijiet għall-"Ġieħ l-Imqabba 2025" lill-Għaqdiet, bid-*deadline* sad-9 ta' Settembru 2025 f'nofsinhar. Bħala *Chairperson* tal-Bord, is-Sindku ssuġġeriet li terġa' tinħatar Pamela u jekk taċċetta, jkollha ċans tlaqqa' l-Bord bejn id-9 u s-17 ta' Settembru 2025. Ġie deċiż ukoll li s-Serata tiġi ppreżentata minn Charles u Mariah.

17.07.02 Rigward l-attivitajiet, is-Sindku qalet li dawk sportivi ma kienux qed jiġbdu ħafna parteċipazzjoni. Għaldaqstant avviċinat lill-Każini b'idea li ssir 'Festa Tfal' bil-

parteċipazzjoni taż-żewġ baned flimkien u dawn ma sabux oġġezzjoni. Il-Kunsill, qabel li tiġi organizzata "Festa Tfal Imqabbin" u ssir il-Ġimgħa 17 ta' Ottubru 2025.

17.07.03 Is-Sindku pproponiet li fl-okkażjoni tal-anniversarji taż-żewġ baned Imqabbin, għandha tittella' wirja fil-każini jew fl-Iskola Primarja possibilment bil-kollaborazzjoni mar-Reġjun Punent u mal-Każini. Barra minn hekk, ġie kkonfermat li s-Sibt 18 ta' Ottubru 2025 filgħodu terġa' ssir logħba futbol għall-*players* l-antiki u *penalty shoot out*, organizzati mill-Kunsillieri Sciberras u Ghigo, filwaqt li filgħaxija jsir il-kunċert mużikali.

17.07.04 Il-Ħadd 19 ta' Ottubru 2025 filgħodu ssir il-Quddiesa bil-preżenza tal-President ta' Malta segwita minn żjara lill-Każini. Se ssir ukoll Wirja tal-Karozzi fil-Pjazza, fejn is-Sindku talbet l-għajnuna tal-Kunsillieri Sciberras u Ghigo sabiex jieħdu ħsieb.

17.07.05 Ġie deċiż ukoll li jiġu ordnati t-*tokens*/medalji, appena jkunu magħrufa l-persuni li se jirċevuhom. Dawn se jkunu qed jaħdmu fuqhom il-Kunsillier Sciberras flimkien mas-S.E.

17.07.06 Dwar ir-*reception* ta' wara l-kunċert, ġie konkluż li jsir fuq skala iżgħar *b'softdrinks* u ħames *cold party items*, wara li jintalbu stimi għal pakkett li jinkludi dawn imsemmija kif ukoll is-servizz tal-*waiters*.

17.07.07 Wara diskussjoni, ġie approvat li l-kunċert inkluż tenur/kantant, ikollu baġit ta' €2,300. Is-Sindku talbet lis-S.E. sabiex tibbukkja l-uffiċjali tal-LESA għall-Ġimgħa u l-Ħadd, is-Sala tal-Iskola inkluż għar-*rehearsals*, u tapplika għal permess mingħand Transport Malta għall-għeluq tal-Pjazza.

17.07.08 Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota u qablu fuq dan kollu.

**17.08 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

17.08.01 Is-Sindku infurmat li sar appell dwar id-deċiżjoni tal-PA relatata ma' *PA/06752/20 – Sm 28, Triq Tas-Sejba, Sqaq Nru. 1, Mqabba,* u l-Kunsill ġie mitlub jikkonferma dwar l-attendenza tiegħu għas-smiegħ tal-appell. Hija żiedet li l-*PA Board Hearing* dwar il-proġett Onġi Onġella hu skedat għat-18 ta' Settembru 2025, filwaqt li dak relatat mas-*Civic Centre* hu ffissat għall-10 ta' Settembru 2025.

Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni

**17.09 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

17.09.01 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand resident jilmenta dwar logħob tal-futbol fil-Ġnien Onġi Onġella, fejn il-karozzi pparkjati madwar il-ġnien qed jintlaqtu bil-blalen. Il-Kunsillieri ddiskutew is-suġġett u qablu li ladarba hemm tabelli li jipprojbixxu l-użu ta' blalen fil-ġnien, il-kwistjoni hija waħda ta' infurzar. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

17.09.02 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Librara tal-Imqabba dwar ir-rata ġdida ta' ħlas fis-siegħa għas-sena 2025, skont il-ftehim kollettiv il-ġdid tal-librara. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council


17.09.03 Il-Kunsill irċieva ċirkulari (Cir AKL 2025/045) mill-AKL sabiex il-Kunsill jixgħel bil-kulur vjola bejn il-25 u t-28 ta' Ottubru 2025 fl-okkażjoni tal-*Intersex Awareness Day*. Il-Kunsillieri preżenti qablu li tinxtegħel il-faċċata tal-Kunsill fil-jiem imsemmija.

17.09.04 Il-Kunsill irċieva ċirkulari AKL 2025/046 dwar il-manutenzjoni ta' Defibrillaturi Awtomatiċi Esterni (*AED*) taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsilli Lokali. Intqal li l-*AED* li għandna fl-Imqabba tinsab ġewwa l-Imqabba FC u l-manutenzjoni tagħha qed issir min-naħa tagħhom. Ġie ssuġġerit li din l-*AED* tkun iktar aċċessibbli għall-pubbliku, u li tiġi kkunsidrata l-installazzjoni ta' *AED* oħra fil-Pjazza. Is-Sindku qalet li se tressaq din il-proposta għad-diskussjoni mar-Reġjun. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

17.09.05 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand resident dwar talba għall-manutenzjoni fuq il-bankina quddiem il-propjetà tiegħu fi Triq iċ-Ċavi, fejn hu meħtieġ li ssir *drop kerb*. Wara diskussjoni, il-Kunsillieri qablu li x-xogħol għandu jsir; madankollu, billi t-*tender* tal-bankini għadu fil-proċess, is-Sindku indikat li se taħdem sabiex tara kif jista' jitwettaq ix-xogħol, iżda mhux qabel Settembru. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**17.10 Ilmenti u Suġġerimenti**

17.10.01 Il-Kunsillier Sciberras ressaq talba sabiex issir *drop kerb* fil-bankina quddiem residenza numru 12, f'Misraħ Missjoni ż-Żgħira. Il-Kunsillieri qablu li dan ix-xogħol isir u jiġi amalgamat max-xogħol approvat qabel, relatat ma' bankina oħra fi Triq iċ-Ċavi. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

17.10.02 Il-Kunsillier Sciberras ressaq ilment dwar *low loader* b'vetturi pparkjati fuqu mingħajr numri ta' reġistrazzjoni, li qed ikun ipparkjat fit-tul fi Triq Ġorġ Mangion. Il-Kunsillieri ddiskutew is-sitwazzjoni u tqieset bħala każ ta' infurzar; għaldaqstant ġie deċiż li jsir kuntatt mal-Pulizija jew mal-*Community Police* sabiex jittieħdu l-passi neċessarji. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' dan.

17.10.03 Il-Kunsillier Sciberras talab sabiex jinqata' l-ħaxix selvaġġ minn Triq Ħal Kirkop. Is-Sindku spjegat li l-ħaxix f'din it-triq, kif ukoll f'toroq oħra, se jkun skedat għall-qtugħ hekk kif jitlesta x-xogħol ta' tindif tal-*gutters* fil-Pjazza, li minkejja li tnaddfu riċentement, dawn reġgħu imtlew bil-karti tal-festa. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

17.10.04 Il-Kunsillier Ghigo ressaq suġġeriment sabiex isiru *road markings* fi Triq il-Konvoj, kantuniera ma' Triq Valletta, minħabba r-riskju għax-xufiera. Is-Sindku qalet li, peress li issa għandna Rapport Tekniku li jindirizza diversi nuqqasijiet f'din it-triq, ikun għaqli li l-Kunsill jistenna l-iżviluppi. Hija fakkret lis-S.E. sabiex, kif diġà deċiż, tibgħat talba għal laqgħa mal-Ministru, bil-parteċipazzjoni ta' IM u TM, dwar dan ir-rapport. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**17.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/17**

17.11.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/17 ġiet approvata.

**17.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

17.12.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:05 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 18 ta' Settembru 2025 fis-5:45 pm.

Konfermati illum il-Ħamis 18 ta' Settembru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |